MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2009

Appell Civili Numru. 271/2008/1

**Roberto Carlos Calleja**

**v.**

**Annot Company Limited**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

Dan huwa appell ad istanza tas-socjeta` Annot Company Limited li permezz tiegħu qegħda titlob lil din il-Qorti sabiex tirrevoka u tħassar il-provvediment mogħti fil-5 ta’

Marzu 2009, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra r-rikorrent Roberto Carlos Calleja.

Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell il-provvediment mogħti mill-ewwel Qorti qiegħed jiġi hawnhekk riprodott fl-intier tiegħu:
"**Il-Qorti:**

"Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-18 ta' Marzu, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li din il-Qorti (a) ssib li seħħet kundizzjoni maħsuba fil-ftehim miktub ta' bejn il-partijiet fil-11 ta' Jannar, 2006, li bis-saħħa tagħha l-kumpannija mħarrka kellha tħallsu s-somma ta' tmienja u ħamsin elf mitejn u erbgħa u tletin euro u tlieta u tletin ċenteżmi (€58,234.33) sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju, 2006; (b) ssib li ladarba seħħet l-imsemmija kundizzjoni, l-kumpannija mħarrka trid tħallsu wkoll is-somma ta' disat elef tliet mija u sbatax-il euro u disgħa u erbgħin ċenteżmi (€9,317.49) bħala danni pre-likwidati, dejjem kif miftiehem f'dik il-kitba; (ċ) ssib li seħħet kundizzjoni maħsuba fil-ftehim ieħor miktub ta' bejn il-partijiet fil-11 ta' Jannar, 2006, li bis-saħħa tagħha l-kumpannija mħarrka kellha tħallsu s-somma ta' tmienja u ħamsin elf mitejn u erbgħa u tletin euro u tlieta u tletin ċenteżmi (€58,234.33) sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju, 2006; (d) ssib li ladarba seħħet l-imsemmija kundizzjoni, l-kumpannija mħarrka trid tħallsu wkoll is-somma ta' disat elef tliet mija u sbatax-il euro u disgħa u erbgħin ċenteżmi (€9,317.49) bħala danni pre-likwidati, dejjem kif miftiehem f'dik it-tieni kitba;  (e) ssib li l-kumpannija mħarrka għandha tħallsu lura s-somma ta' ħames mija u tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmi (€582.34) li huwa ħallas bħala boll u li, skond l-imsemmija kitba, kienet il-kumpannija mħarrka li kellha tħallashom; (f) issib li l-kumpannija mħarrka għandha tħallsu s-somma kollha msemmija ta' mija u ħamsa u tletin elf sitt mija u sitta u tmenin euro (€135,686); u (ġ) tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallsu dik is-somma ta' €135,686.  Talab ukoll l-ispejjeż;

"Fl-14 ta' April, 2008, il-kumpannija mħarrka ressqet Tweġiba Maħlufa li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li l-ewwel kitba li saret bejn il-partijiet fil-11 ta'

Jannar, 2006, kienet, fi kliem l-attur, waqgħet u tilfet l-effett tagħha, u għalhekk l-attur ma kienx jista' jippretendi l-ebda ħlas taħt dik il-kitba. Laqgħet ukoll billi qalet li dik il-kitba kienet simlata u turi ħwejjeġ b'oħra, u f'kull każ, billi għandha min-natura ta' konvenju, l-attur ma jistax jippretendi ħlas ta' danni jew penali ladarba naqas li jsegwi dak li jiddisponi l-artikolu 1357 tal-Kodiċi Ċivili. Dwar it-talba għall-ħlas tal-penali, laqgħet billi qalet li dik il-klawsola bija nulla u ineffettiva "għal raġunijiet ta' natura pubblika riflessi fid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili" billi fejn l-obbligazzjoni tinvolvi ħlas ta' flus, l-uniċi danni eżiġibbli huma l-imgħaxijiet. Laqgħet ukoll billi qalet li t-tieni kitba ma tiswiex lanqas għall-istess raġunijiet miġjuba dwar l-ewwel kitba;

"L-imsemmija tweġiba nħalfet minn wieħed Mario Tonna;

"Rat il-verbal tas-smigħ tat-13 ta' Mejju, 2008[1], li bih l-għaref difensur tal-attur qajjem il-kwestjoni tas-siwi tat-Tweġiba mressqa mill-kumpannija mħarrka, ladarba jgħid li Mario Tonna ma kellux, dak inhar, ir-rappreżentanza ġuridika ta' dik il-kumpannija, u għalhekk talab li l-Qorti tiddeċiedi dwar is-siwi ta' dak l-att ġudizzjarju;

"Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-għaref difensur tal-kumpannija mħarrka waqt dak is-smigħ, li biha iddikjara li Mario Tonna kien tassew awtorizzat li jidher għall-kumpannija bis-saħħa ta' riżoluzzjoni maħruġa mill-istess kumpannija;

"Rat in-Nota mressqa mill-kumpannija mħarrka fil-21 ta' Mejju, 2008[2];

"Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet dwar dan l-episodju;

"Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

---

[1] Paġ. 23 tal-proċess
[2] Paġġ. 24 – 6 tal-proċess

"Rat id-digriet tagħha tas-27 ta' Jannar, 2009, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għall-provvediment dwar is-siwi tar-Risposta Maħlufa mressqa mill-kumpannija mħarrka;

"***Ikkunsidrat:***

"Illi l-kwestjoni li din il-Qorti trid tistħarreġ hija dwar jekk it-Tweġiba Maħlufa mressqa fl-14 ta' April, 2008, tiswiex jekk jirriżulta li min ħalifha ma kellux ir-rappreżentanza ġuridika tal-kumpannija li f'isimha dik it-Tweġiba tressqet;

"Illi mill-provi rilevanti għal din il-kwestjoni li joħorġu mill-atti jirriżulta li l-kumpannija mħarrka twaqqfet f'Ġunju tal-1998[3] bħala waħda privata eżenti. L-ewwel direttur waħdieni tagħha kien (u għadu) Marcus Tonna, l-azzjonist ewlieni tal-istess kumpannija. Sacha Busuttil hija s-segretarja tal-kumpannija. Skond il-Memorandum[4], ir-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tal-kumpannija titwettaq mid-direttur, bla ħsara għall-jedd tal-Bord tad-Diretturi li, minn żmien għal żmien, jaħtar persuna waħda jew iżjed biex jirrappreżenta lill-kumpannija għal xi għan jew għanijiet partikolari;

"Illi l-istatut tal-kumpannija, kemm fis-sura oriġinali tiegħu[5] u kif ukoll fil-verżjonijiet emendati tiegħu[6], jipprovdu li kull riżoluzzjoni bil-miktub iffirmata mid-diretturi kollha tal-kumpannija li għandhom il-jedd li jirċievu avviż ta' laqgħat tad-diretturi tkun tiswa u tgħodd daqslikieku kienet riżoluzzjoni mgħoddija waqt laqgħa tad-diretturi miżmuma kif imiss;

"Illi fl-istatut oriġinali kien hemm regola[7] oħra li tgħid li d-Diretturi kienu marbuta li jaraw li jinżammu minuti f'reġistri li jinżammu apposta għal dan il-għan, fost l-oħrajn, biex jirreġistraw kull riżoluzzjoni u kull proċedura fil-laqgħat tal-kumpannija u fil-laqgħat tad-diretturi tagħha. Din ir-regola tneħħiet mill-verżjonijiet emendati tal-istatut;

---

[3] Dok "ACP", f'paġġ. 218 – 221 tal-proċess
[4] Klawsola 9, f'paġ. 221 tal-proċess
[5] Klawsola 57, f'paġ. 230 tal-proċess
[6] Klawsola 26, f'paġġ. 142 u 176 tal-proċess
[7] Klawsola 71, f'paġ. 232 tal-proċess

"Illi fiż-żewġ ftehim mertu ta' din il-kawża li saru fil-11 ta' Jannar, 2006[8], l-imsemmi Marcus Tonna deher għall-kumpannija mħarrka. Mario Tonna, l-persuna li ħalfet ir-Risposta, jiġi missier Marcus Tonna, u sa minn mindu twaqqfet il-kumpannija mħarrka sal-lum qatt ma kellu xi kariga fi ħdan l-istess kumpannija;

"Illi bħala konsiderazzjonijiet legali marbutin mal-każ, il-Qorti tqis li, għal dak li jirrigwarda persuna ġuridika, t-tressiq ta' atti ġudizzjarji jrid iħares ċerti regoli. Il-liġi tipprovdi li ma jiswiex dak l-att ġudizzjarju li jsir minn persuna inkapaċi li toqgħod f'kawża u li ma tkunx awtorizzata regolarment għaldaqshekk[9]. Għalhekk, irid tabilfors jintwera li l-persuna li ressqet l-att ġudizzjarju (f'isem il-korp legali) tkun waħda li tkun tista' toqgħod f'kawża **u** li kienet debitament awtorizzata għal dak il-għan. Peress li għas-siwi ta' Risposta Maħlufa huwa meħtieġ, fost l-oħrajn, li d-Dikjarazzjoni maħlufa tkun tiswa wkoll u tħares kulma huwa mitlub mil-liġi għas-siwi tagħha[10], l-effett loġiku daqskemm drastiku ta' din iċ-ċirkostanza jkun li r-Risposta Maħlufa ma tkunx jiswa[11] jekk kemm-il darba jkun hemm xi nuqqas fil-forma tagħha. In-nuqqas ta' dan il-kalibru huwa wieħed li jġib nullita` testwali kif maħsub fl-artikolu 789(1)(a) tal-Kap. 12, u mhux sempliċi waħda virtwali[12];

"Illi, min-naħa l-oħra, l-liġi[13] tgħid li, għal persuna ġuridika b'personalita` distinta, kull dikjarazzjoni jew skrittura li teħtieġ li tinħalef, dan l-obbligu jitwettaq jekk id-dikjarazzjoni jew l-att ġudizzjarju li jkun jinħalef mill-persuna li jkollha r-rappreżentanza ġuridika ta' dik il-persuna ġuridika jew minn kull persuna oħra li tkun awtorizzata kif imiss biex tidher għal dik il-persuna;

---

8 Dokti "A" u "B", f'paġġ. 7 sa 12 tal-proċess
9 Art. 787(1) tal-Kap 12
10 Art 158(3) tal-Kap 12
11 App.Kumm. **9.1.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Kissaun noe vs Fenech noe*** (Kollez. Vol: **LXXIII.ii.413**)
12 Ara P.A. MCC **14.5.1970** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor H. Debono et vs Onor. Dr. Vincent Tabone et*** (mhix pubblikata), sentenza parzjali li tagħti tifsira dettaljata u studjata ta' din l-eċċezzjoni u l-effetti tagħha
13 Art. 181A(2) tal-Kap 12

"Illi ntwera li l-kumpannija mħarrka irriżervat fil-Memorandum tagħha li r-rappreżentanza ġudizzjarja (u legali) tagħha hija affidata lid-direttur tal-kumpannija (f'dan il-każ, fid-direttur waħdieni tagħha, Marcus Tonna). Iżda hemm imħolli wkoll li l-Bord tad-Diretturi li jaħtar persuna jew persuni oħrajn biex jidhru f'isimha minn każ għal każ. Dik il-klawsola lanqas tgħid li persuna bħal dik trid tkun tabilfors direttur tal-kumpannija. Għalhekk, ma jidhirx li l-Qorti tista' toqgħod fuq ix-xhieda mogħtija minn Astrid Cassar Paċe[14] (imressqa mill-attur), fejn ċaħdet kategorikament li, mill-istess Memorandum tal-kumpannija, ma jirriżultax li jista' jinħatar ħaddieħor biex jidher għall-kumpannija għajr Marcus Tonna;

"Illi hawnhekk tqum il-kwestjoni dwar jekk l-awtoriżżazzjoni biex persuna tidher fuq att ġudizzjarju f'isem ta' kumpannija jew ta' persuna oħra b'personalita` legali distinta tistax tkun mogħtija fis-sura ta' ratifika żmien wara li jkun tressaq dak l-att. F'dan il-każ, ma jidhirx li l-liġi żżomm milli dan isir, jekk wieħed iqis ir-regoli li jgħoddu għall-kuntratt tal-Mandat. Il-problema hu jekk, madankollu, għal dak li jirrigwarda atti ġudizzjarji, din ir-ratifika li ssir wara li l-att ikun tressaq tistax, b'hekk, iġġib jiswa att li seta' ma kienx validu meta tressaq;

"Illi f'materja ta' nullita` tal-atti – kwestjoni meqjusa bħala waħda odjuża għal finijiet ta' amministrazzjoni ta' ġustizzja – kull nullita` għandha titqies dejjem bħala l-eċċezzjoni u mhux ir-regola. In-nullita` tal-atti hija sanzjoni estrema li l-liġi timponi biss meta n-nuqqas formali jew sostanzjali ma jkunx jista' jiġi assolutament tollerat bla ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali[15]. Att ġudizzjarju għandu jitqies null biss għal raġunijiet gravi u serji fil-limiti tad-dispożizzjonijiet espressi tal-liġi. Fuq kollox, il-liġi tal-proċedura hija maħsuba biex il-kawżi jimxu b'ħeffa u effiċjenza, ekonomija u ħarsien tal-jeddijiet tad-difiża u tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali, u m'humiex maħsuba biex joħolqu ħtiġijiet purament formali li jservu biss biex jagħtu

[14] 27.1.2009, f'paġ. 238 tal-proċess
[15] App. Ċiv. **4.11.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Ċefai*** (Kollez. Vol: **LXXV.ii.467**)

lil xi waħda mill-partijiet f'kawża mezz biex teħles mill-obbligi tagħha jew biex tirbaħ il-ħin. Kull partikolarita` li l-liġi trid li tkun "essenzjali" f'att ġudizzjarju trid tkun tali li n-nuqqas tagħha jxekkel serjament u irrimedjabilment xi wieħed jew aktar mill-għanijiet leġittimi tal-liġi proċedurali hawn imsemmija[16];

"Illi huwa meqjus li d-Dikjarazzjoni ma' Rikors Maħluf jew ma' Tweġiba Maħlufa hija ħaġa waħda mal-att li miegħu trid titressaq, b'mod li jekk dik id-Dikjarazzjoni ma tkunx tiswa u qisha ma saret qatt, daqstant ieħor ma jkunx jiswa r-Rikors Maħluf jew it-Tweġiba Maħlufa li minnhom tagħmel parti[17];

"Illi l-każ imqanqal mill-attur jistrieħ fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 789(1)(a)(ċ) u (d) tal-Kodiċi tal-Proċedura. L-għaref difensur tal-attur issottometta li l-ġurament ta' Mario Tonna fid-Dikjarazzjoni li tagħmel mit-Tweġiba Maħlufa ma jgħoddx għaliex Tonna ma kellux ir-rappreżentanza jew l-awtorizzazzjoni tal-kumpannija mħarrka;

"Illi biex tirribatti din ix-xilja, l-kumpannija mħarrka ressqet żewġ dokumenti – sejħitilhom kopji ta' riżoluzzjonijiet – biex turi li Mario Tonna kien awtorizzat minnha biex iressaq it-Tweġba Maħlufa. Iż-żewġ dokumenti jgħidu li huma "*Resolution of the sole director*". Ma jingħad imkien li kienet issejħet xi laqgħa formali tal-Bord tad-Diretturi tal-kumpannija. Mill-provi mressqa ma jidhirx li, fid-dati li jġibu dawk iż-żewġ riżoluzzjonijiet, saret xi laqgħa formali[18]. L-attur iqis dawn iż-żewġ dokumenti bħala "non prova" għaliex la huma awtentiċi u lanqas attendibbli;

"Illi jidher li ż-żewġ dokumenti mressqa mill-kumpannija mħarrka ma jistgħux jittieħdu bħala prova tajba biżżejjed biex jissanaw il-qagħda. Fl-ewwel lok, it-tieni riżoluzzjoni saret żmien wara li tressqet it-Tweġiba Maħlufa, u kemm

---

[16] P.A. GCD **31.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella et vs Medserv Operations Limited***

[17] Kumm. CS **4.11.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Galea vs Pawlu Cuschieri*** (mhix pubblikata)

[18] Xhieda ta' Sacha Busuttil 27.1.2009, f'paġġ. 240 – 2 tal-proċess

hu hekk, tirreferi espressament għall-kwestjoni li nqalgħet waqt is-smigħ ta' din il-kawża dwar is-siwi ta' dak l-att ġudizzjarju. Safejn dak id-dokument jipprova jissana xi nuqqas li ġara qabel, dak id-dokument ma jagħmilx ħlief jikkonferma n-nuqqas li kien jeżisti fil-waqt preċiż li tressqet it-Tweġiba nnifisha. Mhux hekk biss, imma jekk inhu minnu li t-tieni riżoluzzjoni hija ta' min joqgħod fuqha, dan ikun ifisser li hija xxejjen l-ewwel riżoluzzjoni li ġġib id-data tal-10 ta' April, 2008. Kieku dik l-ewwel riżoluzzjoni kienet tiswa, ma kien hemm bżonn qatt tat-tieni waħda. B'dan il-mod, il-kumpannija mħarrka tagħti ħjiel li lanqas hi ma kienet konvinta mill-awtentiċita` tal-ewwel riżoluzzjoni;

"Illi, fit-tieni lok, biex ir-riżoluzzjonijiet ikollhom l-effikaċja li jixirqilhom, iridu għallanqas isiru fil-forma preskritta mill-Istatut tal-kumpannija nnifisha. Kif issemma aktar qabel, dak l-istatut jippreskrivi l-mod kif ir-riżoluzzjonijiet iridu jew jistgħu jinħarġu. F'dan il-każ ma jidhirx li r-"riżoluzzjonijiet" saru kif mitlub mill-istess Statut. Għalkemm il-kumpannija hija waħda "familjari" u għalkemm wieħed jista' jistenna li jkun hemm xi grad rilevanti ta' informalita` fit-tmexxija tagħha, huwa mistenni li jkun imħares il-minimu ta' dak li jkun preskritt fl-Istatut, l-iżjed għal dak li jirrigwarda atti li jolqtu lil terzi, bħal f'dan il-każ;

"Illi minbarra d-dgħufija tal-qawwa probativa tad-dokumenti mressqa mill-kumpannija mħarrka, toħroġ daqstant ieħor dgħajfa x-xhieda b'difiża tagħha. Jekk wieħed iqis li Mario Tonna (li ħalef id-Dikjarazzjoni f'isem il-kumpannija mħarrka) jidhirlu u baqa' jisħaq ukoll li hu direttur tal-kumpannija[19], meta dan m'huwiex il-każ, wieħed jifhem b'liema mod leġġer tfassal u tressaq l-att ġudizzjarju impunjat;

"Illi l-Qorti jidhrilha li n-nuqqas li jirriżulta minn dawn iċ-ċirkostanzi kollha jixhed li t-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-kumpannija mħarrka ma tiswiex sewwasew għaliex fiha nuqqas espressament rilevat mil-liġi li jagħmilha invalida. Għall-finijiet tal-*proviso* għall-artikolu 789(1) tal-Kodiċi Proċedurali lanqas huwa l-każ li l-Qorti ssewwi dak

[19] Xhieda tiegħu 27.1.2009, f'paġġ. 245 – 6 tal-proċess

in-nuqqas taħt xi dispożizzjoni oħra tal-istess Kodiċi. F'dan il-każ, ma jidhirx li jista' jgħodd ir-rimedju fejn, per eżempju, Dikjarazzjoni tħalliet tiżdied ma' Nota tal-Eċċezzjonijiet li kienet tressqet irregolarment[20] għaliex iċ-ċirkostanzi f'dan il-każ ma jħallux li dan isir bla ma tkun qiegħda tinqaleb ta' taħt fuq il-proċedura l-iżjed bażilari. Għalhekk, f'dan il-każ, in-nuqqas li jirriżulta fit-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-kumpannija mħarrka jolqot b'mod radikali u insanabbli dak l-att għaliex imressaq minn persuna li ma kellhiex jedd tagħmel dan[21];

"Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

"**Issib li** t-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-kumpannija mħarrka fl-14 ta' April, 2008, hija milquta minn nullita` formali preskritta mil-liġi li tagħmilha ma tiswiex, u **tordna t-tneħħija tagħha** mill-atti tal-kawża, bla ħsara għal kull jedd tal-istess kumpannija biex tressaq sottomissjonijiet skond il-liġi; u

"**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bil-provi tal-attur."

**<u>Ir-rikors tal-appell tas-socjeta` intimata Annot Company Limited (C23071)</u>**

Is-socjeta` intimata ħassitha aggravata bis-sentenza in parte tal-ewwel Qorti u interponiet appell minnha b'rikors tal-11 ta' Marzu 2009. L-aggravji/punti tagħha huma, in sustanza, dawn:

1. Il-provvediment mogħti mill-ewwel Qorti huwa rraġjonevoli fic-cirkostanzi tal-każ. Skond il-"memorandum and articles" is-socjeta` intimata ġiet imħollija fil-liberta` li għal każ jew każijiet specifici **tappunta rappreżentant legali** u/jew ġudizzjarju minflok id-direttur Marcus Tonna. Fil-każ in eżami għamlet użu

[20] Ara App. Ċiv. **31.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Direttur Ġenerali tal-Edukazzjoni vs Arthur Briffa***
[21] Ara. App. Ċiv. **3.3.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Denis Burke noe et vs Anthony Grech Sant et***

minn din il-fakulta` li hija rriservat favur tagħha u għalhekk ma jistax jingħad li r-risposta maħlufa hija nulla.

2. L-ewwel Qorti ma setgħetx tinjora ż-**żewġ riżoluzzjonijiet** tad-direttur jew tipprova tnaqqas il-valur probatorju tal-ewwel riżoluzzjoni b'riferenza għat-tieni waħda. Iż-żewġ riżoluzzjonijiet huma marbutin flimkien fil-wegħda kontenuta fl-ewwel riżoluzzjoni ossija li s-socjeta` intimata tirratifika dak magħmul minn Mario Tonna nominat rappreżentant tagħha f'dawn il-proceduri

3. Dwar il-**formalita`** rikjesta għal tali riżoluzzjonijiet, minkejja li l-ewwel Qorti irrimarkat li l-aħħar verżjoni tal-"memorandum and articles" neħħa r-regola kontenuta fl-ewwel verżjoni tal-"memorandum and articles" li kienet titlob li r-riżoluzzjonijiet jinżammu bħala minuti f'reġistri apposta, l-istess Qorti kkonkludiet li r-riżoluzzjonijiet ma sarux kif meħtieġ mill-istatut. Kemm skond l-istatut kif ukoll skond il-liġi, m'hemmx ħtieġa ta' xi formalita` partikolari għall-għoti ta' riżoluzzjoni mill-Bord tad-Diretturi.

4. Mill-aspett legali, ir-rikorrent ma setax jirnexxi fit-talba tiegħu għall-**isfilz** u dan peress li kien għadu ma ġie indikat ebda provvediment partikolari li b'riferenza għalih qed tiġi sollevata din il-kwistjoni rigwardanti n-nullita` tar-risposta maħlufa.

5. Ir-risposta ġuramentata ġiet **maħlufa minn persuna awtorizzata** għal dan il-għan mis-socjeta` intimata. Mhux biss ġiet ippreżentata r-riżoluzzjoni li tat l-awtorizzazzjoni imma ukoll dik ir-riżoluzzjoni sussegwenti għall-kwistjoni mressqa quddiem l-ewwel Qorti li permezz tagħha s-socjeta` iddikjarat li kienet qegħda tirratifika dak kollu magħmul minn Mario Tonna awtorizzat għal dan il-għan biex jaġixxi f'isimha. B'hekk ir-rekwiżiti kemm tal-Artikolu 181A(2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili huma għal kollox sodisfatti u b'hekk ukoll m'għandu jirriżulta l-ebda ksur taħt l-Artikolu 789(1)(a).

6. B'riferenza għall-proviso tal-Artikolu 789(1)(a) anke li kieku wieħed kellu jasal għall-konklużjoni li r-risposta ġuramentata kienet waħda kolpita minn xi nullita` testwali,

tali **nullita` ġiet imsewwija** permezz tar-riżoluzzjonijiet meħudin mid-direttur tas-socjeta` intimata.

7. Ma jirriżultax li ġiet leża xi dispożizzjoni oħra kif kontenuta fl-Artikolu 789(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Issir riferenza wkoll għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tal-14 ta' Novembru 1994 fil-kawża **Joseph Borg noe v. Alice Grech et**. fejn intqal li kull meta huwa possibbli u sakemm il-liġi ma timponix in-nullita`, l-atti ġudizzjarji **għandhom jiġu salvati**.

8. Fir-rigward tat-talba għall-isfilz tar-risposta tas-socjeta` intimata, ir-rikorrent kellu jipprova xi forma ta' **interess ġuridiku** fir-rappreżentanza tas-socjeta` lil hinn mill-effettivita` fil-konfront tiegħu tal-isfilz rikjest, prova li baqgħet ma saritx. Issir riferenza għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tas-16 ta' Frar 1993 fil-kawża **Joseph Borg noe v. Accountant General** fejn fost affarijiet oħra intqal li jekk persuna għandhiex dritt ta' rappreżentanza ta' socjeta` jew le hija kwistjoni li tinteressa lis-socjeta` u lis-soci u mhux lil terzi, u ukoll li l-ġudikant għandu dejjem iħares lejn il-fattur tal-interess ġuridiku kemm ta' min jagħti l-eccezzjoni kif ukoll tal-persuna mogħtija rappreżentanza biex tkun fil-ġudizzju. Din id-decizjoni ġiet ukoll citata fil-kawża fl-ismijiet **PL Adrian Borg noe v. Alfred Fenech et** datata 14 ta' Novembru 2002, senjatament fuq il-punt illi l-konvenut m'għandu ebda dritt jikkontesta l-awtorita` tar-rappreżentant ta' kumpanija peress li din hija materja li tikkoncerna biss lill-kumpanija u l-azzjonisti tagħha.

**<u>Risposta tal-appell tar-rikorrent Roberto Carlos Calleja:</u>**

L-appellat wieġeb biex juri għaliex l-appell għandu jiġi respint u d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti kkonfermata.

Preliminarjament huwa jissolleva l-irritwalita` tal-appell peress li kif jidher mill-verbal tal-5 ta' Marzu 2009 quddiem l-ewwel Qorti, it-talba da parti tas-socjeta` intimata sabiex l-ewwel Qorti tawtorizzaha tappella mill-provvediment (liema talba ġiet milqugħa) saret wara li l-kawża kienet tħalliet għall-provi tal-attur għat-3 ta' Ġunju 2009 u

għalhekk wara li s-smiegħ tal-kawża kien intemm. L-appellat isostni li dak li kellha tagħmel is-socjeta` appellanti kien li tintavola rikors fi żmien sitt ijiem li permezz tiegħu titlob lill-Qorti permess sabiex tinterponi l-appell.

Fil-mertu l-appellat jirrileva li l-ewwel Qorti applikat il-provvedimenti procedurali senjatament dawk kontemplati fl-Artikolu 787(1), 158(3), 181A(2) u 789(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u kkonkludiet li r-risposta maħlufa tas-socjeta` appellanti kienet milquta minn nullita` formali preskritta mil-liġi li tagħmilha ma tiswiex. Huwa jsostni li l-Qorti kellha d-dover li tassigura l-osservanza tal-liġi u li fuq kollox, il-provvedimenti procedurali, li del resto huma ta' ordni pubblika, "*non ammettono estensione o restrizione nella loro applicabilita` da motivi di indole privata o singolare*" (Vol XXIV, p I, p 237).

Dwar ir-riżoluzzjonijiet rigwardanti d-delega ta' Mario Tonna, l-appellat jirrileva li ż-żewġ dokumenti (li skond is-socjeta` appellanti huma prova cara tal-awtorita` mogħtija lil Mario Tonna sabiex jirrappreżenta lis-socjeta`) ma għandhom l-ebda valur probatorju stante li huma biss fotokopja u lanqas ġew ikkonfermati bil-ġurament mill-persuna li rredigiethom. L-appellat jirreferi għall-Artikolu 627, tal-Kap. 12 li jittratta dwar l-awtenticita` tad-dokumenti u ukoll jiccita minn diversi kawżi li jirritjienu li meta dokument ma jkunx ikkonfermat bil-ġurament ma jiswiex bħala prova.

Dwar it-tieni riżoluzzjoni (dik ta' ratifika) l-appellat jargumenta li kif kienet irriteniet l-ewwel Qorti, din fil-fatt ixxejjen il-kredibilita` tal-ewwel riżoluzzjoni (dik tal-ħatra ta' Mario Tonna) peress li jekk verament kien hemm ħatra ta' Mario Tonna biex jirrappreżenta l-kumpanija ma kienx hemm l-ebda necessita` li ssir ratifika tal-aġir ta' Mario Tonna li suppost diġa` kien ġie awtorizzat.

L-appellat isostni li ma hemm l-ebda prova li Mario Tonna verament kien awtorizzat jirrappreżenta lill-kumpanija Annot Company Limited fl-14 ta' April 2008, il-ġurnata li fiha nħalfet ir-riposta u konsegwentement għalhekk ir-

risposta hija nulla, liema nullita` espressa mil-liġi ma tistax tiġi sanata sempliciment bir-ratifika. Huwa jiccita minn diversi deċiżjonijiet sabiex juri li l-ġurispudenza nostrana fir-rigward tan-nullita` tal-atti tgħallem li għalkemm il-formaliżmu procedurali jista' joħnoq l-għan li jsir ħaqq fuq is-sustanza u l-mertu tal-każ, min-naħa l-oħra il-Qorti ma tistax tagħlaq għajnejha u tinjora n-necessitajiet tar-regoli procedurali.

L-appellat jirreferi ukoll għall-proviso tal-Artikolu 789(1)(a) citata mis-socjeta` appellanti fejn jingħad li l-eccezzjoni tan-nullita` ma tistax tingħata jekk in-nuqqas jista' jissewwa taħt dispożizzjoni oħra tal-liġi. F'dan ir-rigward l-appellat jirrileva li s-socjeta` appellanti kellha tindika taħt liema dispożizzjoni tal-liġi dan in-nuqqas kellu jiġi sanat, għalkemm fi kwalunkwe każ il-fatt li r-riżoluzzjonijiet li fuqhom qed jistrieħ dan l-appell m'għandux valur probatorju.

Dwar il-punt li ssollevat is-socjeta` appellanti tan-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-appellat li jqajjem il-kwistjoni tal-validita` tar-risposta, l-istess appellat isostni li dan mhux il-każ stante li n-nuqqas mertu ta' dan l-appell huwa wieħed li kellu jitqajjem *ex officio* mill-Qorti stante li jikkostitwixxi vjolazzjoni ta' procedura civili li huwa ta' ordni pubbliku. F'dan ir-rigward jirreferi għad-deċiżjoni tal-Qorti Civili fil-kawża **Markiz Anthony Cassar Desain et v. Giovanni Pace et** mogħtija fil-15 ta' Ottubru 1965.

Finalment l-appellat jirreferi għall-kawża **Dennis Burke et noe v. Anthony Grech Sant et** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Marzu 2006, liema deċiżjoni ġiet annessa mar-risposta tal-appell u dan għaliex, skond ma jispjega l-istess appellat, il-punt legali mertu tal-appell odjern ġie trattat b'mod estensiv f'dik il-kawża.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

Il-kwistjoni mertu ta' dan l-appell tirrigwarda l-validita` o meno tar-risposta ġuramentata tas-socjeta` Annot Company Limited tal-14 ta' April 2008. Din il-kwistjoni dwar il-validita` tar-risposta ġuramentata tqajmet mir-

rikorrent Roberto Carlos Calleja fl-udjenza tat-13 ta’ Mejju 2008 abbażi tal-fatt li l-istess risposta nħalfet minn Mario Tonna, u mhux mid-direttur tas-socjeta`, Marcus Tonna. L-ewwel Qorti, għar-raġunijiet esposti minnha, dehrilha li Mario Tonna ma kellux il-jedd li jressaq ir-risposta ġuramentata u għalhekk ikkonkludiet li l-istess risposta ġuramentata kienet milquta min-nullita`. Is-socjeta` intimata Annot Company Ltd ħassitha aggravata b’din id-deċiżjoni u għalhekk interponiet dan l-appell.

<u>L-irritwalita` o meno ta’ dan l-appell</u>
Qabel ma tgħaddi biex teżamina l-aggravji tas-socjeta` appellanti, din il-Qorti ser tikkunsidra s-sottomissjoni preliminari tal-appellat li fiha tqajmet l-irritwalita` ta’ dan l-appell.

L-appellat fir-risposta tal-appell tiegħu jirreferi għall-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Marzu 2009 fejn jirriżulta li wara li ngħatat is-sentenza parzjali u l-kawża tħalliet għall-provi tal-attur għat-3 ta’ Ġunju 2009, daħal fl-awla d-difensur tas-socjeta` appellanti, u wara li ħa konjizzjoni tal-provvediment talab lill-Qorti tawtorizzaha tappella mis-sentenza. Il-Qorti laqgħet it-talba u ħalliet il-kawża għall-istess data, u cioe` għat-3 ta’ Ġunju 2009 iżda għall-informazzjoni ulterjuri minflok għall-provi tal-attur.

L-appellat isostni li l-procedura adoperata dak in-nhar tal-5 ta’ Marzu 2009 hija rritwali għaliex it-talba saret u d-digriet sussegwenti ngħata wara l-egħluq tas-smiegħ tal-kawża u fl-assenza tal-appellat u/jew l-avukat tiegħu. Iżid jargumenta li dak li kellha tagħmel is-socjeta` appellanti kien li tippreżenta rikors fi żmien sitt ijiem li permezz tiegħu titlob li jingħata permess biex tinterponi l-appell odjern.

Din il-Qorti rat l-Artikolu 231(1) tal-Kapitolu 12 li jistipula li appell minn sentenza separata… “*jista’ jsir qabel l-aħħar sentenza biss bil-permess tal-qorti mogħti fil-qorti bil-miftuħ; u din it-talba għal permess biex isir appell għandha ssir <u>jew</u> verbalment meta tingħata s-sentenza <u>jew</u> b’rikors fi żmien sitt ijiem minn dik is-sentenza*”. (sottolinear tal-Qorti).

Mill-verbal relattiv jirriżulta li fil-ħin li ssejħet il-kawża la d-difensur u lanqas ir-rappreżentant tas-socjeta` appellanti ma kienu preżenti fl-awla, iżda wara li nqrat is-sentenza parzjali u wara li l-kawża tħalliet għal data oħra għall-provi tal-attur, "*f'dan il-ħin*" deher id-difensur tas-socjeta` appellanti u verbalment talab il-permess tal-Qorti biex isir appell, liema talba ġiet milqugħa.[22] Il-Qorti accettat it-talba tiegħu biex hija tawtorizzah jappella skond l-Artikolu 231(1) tal-Kapitolu 12. Jinghad a propozitu li fil-verbal tal-5 ta' Marzu 2009 hemm imnizzel specifikatament li l-provvediment hu "sentenza in parte", u l-ewwel Qorti, meta akkordat il-permess ghall-appell irriferiet proprju ghall-Artikolu 231(1) u mhux ghad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 229 tal-Kap. 12 (ara nota *in calce* numru 22).

Għalhekk, ladarba l-Qorti pprovdiet bil-miftuħ dwar it-talba tiegħu, is-socjeta` appellanti ma kellhiex għalfejn tagħmel <u>ukoll</u> rikors fi żmien sitt ijiem mis-sentenza (kif fil-fatt jippretendi li kellha tagħmel l-appellat). Incidentalment jirriżulta fil-fatt li s-socjeta` appellanti xorta waħda ppreżentat rikors fl-10 ta' Marzu 2009 għaliex dehrilha li tali talba kellha ssir biss permezz ta' rikors. Dan pero` mhux il-każ u fil-fatt l-ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tar-rikors peress li kienet gia` awtorizzat li jsir appell. Jidher li s-socjeta` appellanti spiccat bejn haltejn: minn naha l-wahda hemm il-procedura biex wieħed jappella minn digriet u minn naha l-ohra hemm il-procedura biex wieħed jappella minn sentenza parzjali.

---

[22] "Meta ssejħet il-kawża deher Dr Reuben Farrugia għall-attur Marcus Tonna (sic…kellu jaqra "l-attur Robert Calleja") Il-kumpanija konvenuta u l-avukat tagħhha msejħin tlett darbiet ma dehrux.

"Ingħata provvediment (Sentenza in parte).

"Il-Qorti qed tħalli l-kawża għall-provi tal-attur għat-3 ta' Ġunju 2009 fil-11:30am.

"F'dan il-ħin daħal fl-awla l-avukat John Refalo għall-kumpanija konvenuta illi wara li ħa konjiżżjoni tal-provvediment mogħti aktar qabel, talab illi l-Qorti tawtorizza lill-kumpanija konvenuta biex tappella mill-imsemmi provvediment.

"Il-Qorti wara li rat l-Art. 231(1) tal-Kap. 12, qeghda tawtorizza lill-kumpannija biex tressaq Appell fit-termini preskritti mil-Ligi u thalli l-kawza ghat-3 ta' Gunju 2009 fil-11.30am ghall-informazzjoni ulterjuri minflok ghall-provi tal-attur kif fuq inghad.

Meta l-parti aggravata tkun trid tappella minn sentenza parzjali, hija tista' skond l-Artikolu 231(1) titlob il-premess li tagħmel dan **jew** (1) billi tressaq it-talba verbalment dak in-nhar li tkun ingħatat l-istess sentenza parzjali, **jew** billi (2) tressaqha permezz ta' rikors fi żmien sitt ijiem. L-Artikolu 229, li a tenur tiegħu is-socjeta` appellanti ppreżentat ir-rikors tal-10 ta' Marzu 2009, jirrigwarda l-procedura ta' kif isiru appelli minn digrieti mhux minn sentenzi parzjali. Pero` l-ewwel Qorti insistiet li kien applikabbli l-Art. 231(1). Anke li kieku wiehed kellu jikkunsidra l-provvediment tal-5 ta' Marzu 2009 bhala digriet u mhux sentenza in parti – u l-Qorti tirrikonoxxi li hemm argumenti f'dan ir-rigward – f'dan il-kaz partikolari meta l-ewwel Qorti kienet qed tinsisti li l-provvediment hu sentenza in parte u mhux digriet, l-appellant ma jistax jigi pregudikat ghax l-ewwel Qorti taghti l-permess taghha in forza ta' disposizzjoni partikolari u mhux in forza ta' disposizzjoni ohra li hija tkun qeghda espressament twarrab.

Kif diga` nghad, peress li l-Qorti kienet diġa` pprovdiet bil-miftuħ dwar it-talba tas-socjeta` appellanti skond l-Artikolu 231(1) u kienet qed tinsisti li dan kien l-artikolu applikabbli, ma kienx hemm bżonn li jsir rikors, u fil-fatt l-ewwel Qorti astjeniet milli tqis ir-rikors tal-10 ta' Marzu 2009.

Ghalhekk, u fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, din il-Qorti qed tirrespingi l-pregudizzjali tal-irritwalita` tar-rikors tal-appell odjern.

Ir-rappreżentanza ġudizzjarja tas-socjeta` appellanti :

Skond il-"Memorandum and Articles of Association" tas-socjeta` appellanti[23] jirriżulta li huwa d-direttur Marcus Tonna li għandu r-rappreżentanza ġudizzjarja u legali tagħha, iżda jirriżulta wkoll li l-istess socjeta` irriservat il-liberta` li tappunta lil persuni oħra biex jirrapreżentawha minflok Marcus Tonna:

[23] Ippreżentati mix-xhud Astrid Cassar Pace, in rappreżentanza tal-MFSC, fis-27 ta' Jannar 2009.

"*The judicial and legal representation of the Company shall be exercised by the above mentioned director*[24]*. Provided that in addition and without prejudice to the aforesaid, the Board of Directors of the Company may from time to time appoint any other person or persons to represent the Company in a specific case or cases*."[25]

Wara li tqajmet il-kwistjoni tal-validita` tar-risposta maħlufa mir-rikorrent, is-socjeta` appellanti ppreżentat fotokopja ta' żewġ riżoluzzjonijiet biex turi li Mario Tonna fil-fatt kellu r-rappreżentanza ġuridika tagħha:

Ir-riżoluzzjoni tal-10 ta' April 2008 taqra hekk:
*"A resolution of the Sole director of the company.*
*The Company hereby authorizes Mario Tonna to file a 'nota tal-eccezzjonijiet' and to represent the Company judicially in the following case:*

*"ROBERTO CARLOS CALLEJA vs ANNOT COMPANY LTD 271/2008JRM*

*"The Company shall ratify anything done by the said Mario Tonna in the interests and on behalf of the Company in the premised case".*

Ir-riżoluzzjoni l-oħra, li hija datata 16 ta' Mejju 2008 (u cioe` tlett ijiem wara li r-rikorrent Calleja qajjem il-kwistjoni tal-validita` tar-risposta) taqra hekk:

*"A resolution of the Sole director of the Company.*

*"Whereas it is premised that during a sitting in the lawsuit presently pending in Court in the names Roberto Carlos Calleja vs Annot Company Ltd (the proceedings) the plaintiff raised issues concerning the presentation of a 'nota tal-eccezzjonijiet" by the Company in the acts of the said case;*

[24] Marcus Tonna.
[25] Fol 221.

*“And whereas the said nota tal-eccezzjonijiet was signed, presented and sworn on the company’s behalf by Mario Tonna;*

*“And whereas the Company and the sole director had already authorised the said Mario Tonna to represent the Company in Proceedings;*

*“And whereas the company considers the documentation filed in court in the Proceedings to have been filed in its interest;*

*“Now therefore, for all intents and purposes at law*

*“The Company hereby ratifies and confirms all that has been done and performed by the said Mario Tonna in the name and on behalf of the Company in relation to the Proceedings;*

*“The Company confirms that Mario Tonna shall be empowered to continue to represent the Company in Proceedings.”*

Is-socjeta` appellanti ħassitha aggravata bil-fatt li l-ewwel Qorti ma tatx piż lil dawn iż-żewġ riżoluzzjonijiet li fuqhom hija tibbaża l-awtorita` li Mario Tonna kellu biex jirrappreżenta lis-socjeta`. L-ewwel Qorti effettivament dehrilha li dawn ir-riżoluzzjonijet ma jistgħux jittieħdu bħala prova biex jissanaw il-qagħda. Hija rraġunat li sa fejn dokument jipprova jissana xi nuqqas, dak id-dokument ma jagħmilx ħlief jikkonferma n-nuqqas, u b’riferenza għat-tieni riżoluzzjoni dehrilha li din fil-fatt ixxejjen l-ewwel waħda. Di piu` osservat li ma jirriżulta minn imkien li fid-dati li jġibu dawn iż-żewġ riżoluzzjonijiet kienet saret xi laqgħa formali. Hija rriteniet li biex riżoluzzjonijiet ikollhom l-effikacja li jixirqilhom iridu għallinqas isiru fil-forma preskritta mill-istatut.

Qabel ma tikkunsidra dan l-aggravju tas-socjeta` appellanti f’dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għall-punt imqajjem mill-appellat fir-rigward tal-valur probatorju tar-riżoluzzjonijiet. Jirriżulta fil-fatt li dan il-punt

dwar in-nuqqas ta' awtenticita` tad-dokumenti kien diġa` tqajjem mir-rikorrent quddiem l-ewwel Qorti (probabbilment waqt it-trattazzjoni)[26]. L-appellat jirreferi għall-Artikolu 627 tal-Kapitolu 12 li jistipula li salv għal dawk id-dokumenti elenkati fl-istess artikolu, kull dokument ippreżentat, sabiex ikun ammissibbli bħala prova, irid li l-awtenticita` tiegħu tiġi ppruvata permezz ta' prova oħra.

Jirriżulta li r-riżoluzzjonijiet esebiti a fol. 25 u 26 huma biss fotokopji. Għalkemm id-difensur tas-socjeta` appellanti fis-seduta tal-ewwel Qorti tat-13 ta' Mejju 2008 kien obbliga ruħu li jippreżenta "*kopja awtentikata"* tar-riżoluzzjoni sabiex jipprova li Mario Tonna fil-fatt kellu r-rappreżentanza ġuridika tas-socjeta` bis-saħħa ta' riżoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi, huwa fil-fatt ġimgħa wara ppreżenta biss fotokopja mhux awtentikata tal-ewwel riżoluzzjoni u fotokopja oħra mhux awtentikata tat-tieni riżoluzzjoni.

Marcus Tonna, li huwa l-persuna li tagħha tidher il-firma fuqhom qatt ma kkonfermahom bil-ġurament. Is-socjeta` appellanti pero` esebiet sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tal-10 ta' Marzu 2004 fl-ismijiet **Allied Insurance Agency Ltd noe v. Evellina Borg Grech** liema sentenza kienet ikkwotat mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-7 ta' Ottubru 1997 fil-kawża **Carmel Camilleri v. Leone Pillow** fejn din irritentiet illi :

"..l-konferma bil-ġurament mhix rekwiżit sine qua non għall-ammissibilita` bħala prova, u fin-nuqqas ta' kontestazzjoni, il-Qorti għandha tkun libera li taccettahom u li tagħmel inferenzi li leġittimament hu konsentit li tagħmel."

Fil-każ in kwistjoni għandu jingħad illi għalkemm ir-riżoluzzjonijiet ma ġewx ikkonfermati bil-ġurament minn Marcus Tonna din il-Qorti hija disposta biex tikkunsidra kull tip ta' prova oħra li tikkonferma l-awtenticita` tagħhom.

---

26 "*L-attur iqis dawn iż-żewġ dokumenti bħala "non prova" għaliex la huma awtentici u lanqas attendibbli*" (mis-sentenza tal-ewwel qorti).

Jirriżulta pero` li x-xhieda li tressqu fis-27 ta' Jannar 2009 bl-ebda mod ma kkonfermaw l-awtenticita` tagħhom, anzi pjuttost il-kuntrarju. Saħansitra x-xhud Natasha Busuttil, is-segretarja tal-kumpanija, xehdet li ma kinitx taf bl-eżistenza tagħhom, filwaqt li Mario Tonna (missier Marcus Tonna) li allegatament kien dik il-persuna li ġiet awtorizzata tirrappreżenta lis-socjeta` appellanti, mistoqsi x'inhu l-involviment fil-kumpanija l-ewwel irrisponda li ma jafx: "*Lanqas naf ngħidlek*", imbagħad irrisponda li mingħalih li hu direttur: "*Direttur mingħalija fil-kumpanija, mingħalija direttur that's all*". Qal imbagħad li meta aġixxa għan-nom tas-socjeta` appellanti dejjem aġixxa bħala direttur, fatt li jikkontradixxi l-kontenut tar-riżoluzzjonijiet, u cioe` li huwa ġie awtorizzat biex jirrappreżenta lis-socjeta` ġudizzjalment u specifikament fil-kawża odjerna.

Dawn iż-żewġ dokumenti għalhekk mhux talli ma ġewx ikkonfermati b'xi mod minn Marcus Tonna nnifsu, talli x-xhieda tas-segretarja u ta' missier Marcus Tonna effettivament jitfgħu dubju fuq l-awtenticita` tagħhom. Għalhekk din il-Qorti tħoss li m'għandhiex tieħu konjizzjoni tagħhom.

Tiswija ta' nullita`

Is-socjeta` appellanti qajmet ukoll l-argument li anke kieku wieħed kellu jikkonkludi li r-risposta ġuramentata kienet waħda kolpita minn nullita` għandu jirriżulta ampjament li ġiet imsewwija permezz tar-riżoluzzjonijiet meħudin mid-direttur tas-socjeta` appellanti. Ġialadarba għar-raġunijiet fuq esposti din il-Qorti mhux qegħda tieħu konjizzjoni tad-dokumenti ossia riżoluzzjonijiet, mhux il-każ li tikkunsidra dan il-punt.

L-interess o meno ta' terżi fir-rigward tal-awtorita` ta' persuna li tirrappreżenta lil socjeta`:

Is-socjeta` appellanti qajmet il-punt dwar l-interess, u cioe` jekk l-awtorita` o meno ta' persuna li tirrappreżenta lil socjeta` hix kwistjoni li għandha jew li tista' tinteressa lil terzi. Hija ccitat u ppreżentat is-sentenza **Joseph Borg nomine v. Accountant General** deċiża mill-Qorti tal-

Appell fis-16 ta’ Frar 1993[27], fejn fost affarijiet oħra ġie ritenut li l-kwistjoni ta’ jekk persuna għandhiex dritt ta’ rappreżentanza jew le hija kwistjoni li tinteressa lis-socjeta` u lis-soci u mhux lil terzi. L-istess Qorti kienet irreferiet għall-Artikolu 786(1) tal-Kapitolu 12 li jistipula li
“L-eccezzjoni tal-illeġittimita` tal-persuna li tidher jew tkun konvenuta fl-isem jew fl-interess ta’ ħaddieħor ma tistax tingħata kontra l-prokuratur jew l-ekonomu tal-Isqof Djocesan ta’ Malta jew tal-Isqof t’Għawdex, jew kontra waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 180.”

Issa fost il-persuni msemmija fl-Artikolu 180(1)(a) hemm inklużi:
“socju jew rappreżentant ta’ ditta jew bħala wieħed mill-persuni msemmija fis-subartikolu 181A fil-każ ta’ korp li jkollu personalita` ġuridika distinta…”

Is-subartikolu 181A(2) jistipula hekk:
“Kull dikjarazzjoni, jew skrittura li għandha tinħalef skond il-liġi għandha, fil-każ ta’ korp li jkollu personalita` ġuridika distinta, tinħalef mill-persuna jew persuni li jkollhom ir-rappreżentanza ġuridika ta’ dak il-korp jew minn kull segretarju tal-kumpanija jew minn kull persuna oħra li tkun awtorizzata bil-miktub minn dak il-korp sabiex tippreżenta atti ġudizzjarji f’ismu jew li jagħmel dikjarazzjoni, risposta ġuramentata jew skrittura bħal dawk imsemmija”. (sottolinear tal-Qorti)

L-Artikolu 786(1) meta moqri flimkien ma’ l-Artikolu 180(1)(a) u l-Artikolu 181A(2) qiegħed jistipula li wieħed ma jistax jattakka l-leġittimita` ta’ persuna li tkun awtorizzata bil-miktub biex tippreżenta atti ġudizzjarji f’isem korp li jkollu personalita` ġuridika distinta.
Issa fil-każ odjern din il-Qorti mhix sodisfatta li fil-fatt kien hemm din id-debita awtorizzazzjoni bil-miktub. Kif diġa` ingħad, il-kopji tar-riżoluzzjonijiet mhux biss m’humiex awtentikati (għalkemm id-difensur tas-socjeta` kien obbliga ruħu li jippreżenta kopja awtentika tal-ewwel

[27] Ipprezentat ukoll kopja tas-sentenza **PL Adrian Borg noe vs Alfred Fenech et** (Prim Awla, 14.11.2009) liema sentenza tikkwota mil-imsemmija sentenza **Borg vs Accountant General**.

riżoluzzjoni), iżda ukoll ix-xhieda ta’ dik il-persuna li allegatament kienet awtorizzata bil-miktub biex tirrapreżenta u tippreżenta l-atti ġudizzjarji kollha relattivi għall-kawża odjerna (u cioe` Mario Tonna) bl-ebda mod ma tikkonferma l-awtorizzazzjoni li toħroġ mid-dokumenti (riżoluzzjonijiet) fotokopjati.

Huwa minnu li wieħed m’għandux jikkontesta l-awtorita` ta’ rappreżentant ta’ kumpanija peress li din tikkoncerna biss lill-kumpanija u lill-azzjonisti tagħha, u kull kumpanija tista’ taħtar lil min jidhrilha hi biex jirrapreżentaha fi procedura legali, iżda din l-awtorita` trid tirriżulta u trid tirriżulta bil-miktub, liema prova, bil-mod kif tirrikjedi l-liġi, baqgħet ma saritx.

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeciedi din il-kawża billi ticħad l-appell intavolat mis-socjeta` appellanti u tikkonferma d-deciżjoni appellata.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-istess socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------